MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 356/2010

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Jeffrey Cardona ID S251676M sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Osea Micallef ID 530664M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** t-TALBA attrici formulata kif gej:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Triunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallashom is-somma ta' elf, disa' mija u tnax-il Ewro u tnejn u tmenin centezmi (€1,912.82c) rapprezentanti danni ikkagunati in segwitu ta' ncident ta' l-20 ta' Awwissu, 2008 fi Triq in-Naxxar, Birkirkara, fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 072 proprjeta ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, li fil-hin ta' l-incident kienet ipparkeggjata; u liema incident sehh unikament tort tal-konvenut illi kien qed ihaddem "Tower Ladder" formanti parti mill-vettura proprjeta' tieghu, bin-numru tar-registrazzjoni HBB 464; u dana stante illi l-istess incident sehh unikament tort tal-konvenut u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tal-ligi da parti tieghu – hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficcjali ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 11 ta' Settembru, 2009 il-konvenut baqa inadempjenti, u ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-11 ta' Settembru 2009 u bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Settembru 2009 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1. L-incident sehh unikament tort ta' Jeffrey Cardona, assikurat tas-Socjeta' Attrici.

2. It-talbiet attrici qed jigu respinti ghax il-konvenut ma kienx responsabbli ghall-kawza jew kawzi li taw lok ghad-danni kawzati ghax hu wettaq xoghlu b'diligenza u skond il-ligi.

**II PROVI**

1. It-TRIBUNAL qed hawn jirriproduci xi xhieda biss minn dik imressqa u jaghmel riferenza ghall-provi fl-intier taghhom kif jidhru fil-process.

2. Dan l-incident kien investigat minn Warden 99 Mario Galea li pprezenta kopja tar-Rapport tieghu (sketch u ritratti komprizi) DOK MG1, *a fol* 13-21 komprizi noti originali. Fir-rapport l-istqarrijiet huma hekk:-

**Jeffrey Cardona** (Nissan LAF 073)

*Kelli l-karozza ipparkjata u HBB 464 laqat lil karozza tieghi.*

**Osea Micallef** (Mitsubishi HBB 464)

*Ma ndunajtx li hemm karozza pparkjata u ilqatta bit-Tower Ladder.*

3. Kontro-ezaminat, il-Warden qal li ma jiftakarx in-Nissan kienetx parkjata f'post mhux suppost.

4. Is-Socjeta' attrici esibiet, *a fol* 28-41, dokumenti dwar il-*quantum* tad-danni u xehed ukoll is-surveyor Joseph Muscat.

5. **Jeffrey Cardona** xehed li hu pparkja n-Nissan 'l hinn minn *cone* li allura kien bejn it-*tower crane* u n-Nissan (ritratti *a fol* 18/19). Ma kienx hemm tabelli. Dahal f'hanut, sama hoss u l-*bucket* jistrieh fuq il-bagoll tan-Nissan u rrizultat il-hsara li hemm fir-ritratt *a fol* 17.

6. In kontro-ezami qal li meta wasal fil-post, induna li l-*crane* kien jahdem ghax ra l-*bucket* fil-gholi. Ghalhekk ipparkja ‘l hinn mill-*cone*, “imma ma tantx kont distanti minnha”. Zied li hu Karkariz “**u naf li mhux suppost ipparkjajt fejn ipparkjajt jien**”. Cahad li nehha l-*cone* biex jipparkja.

7. **<u>Albert Grech</u>** sid tal-istabbiliment “Street Life”, Naxxar Road, B’Kara, faccata tal-HSBC. Kien gewwa meta sama hoss u hareg ma dak li kien mieghu fil-hanut (i.e. Jeffrey Cardona) u ra l-*bucket* imdahhal fil-*w/screen* tan-Nissan. <u>In-Nissan kienet ipparkjata fin-“No Parking”, apparti l-*cones*.</u> Dawn kienu quddiem fejn hemm miktub “Tower Ladder” fl-iskizz *a fol* 109. Safejn jaf hu ma ra lil hadd hlief lill-konvenut jahdem hemm.

8. **<u>Dario Fenech</u>** qal li l-*crane* imsemmi kien tieghu u krieh lill-konvenut. Hu assikurat mis-socjeta’ attrici u jista jintuza minn terzi.

9. **<u>Osea Micallef</u>**, konvenut, esibixxa bhala Dok OM, *a fol* 75 il-permess tal-Kunsill Lokali li jkopri mid-19/8 sat 23/8/08. Kien hemm ukoll tabelli biex ma jghaddux niex minn fejn kien qed isir ix-xoghol, kif ukoll *cones*. Fejn kien ipparkjat in-Nissan kien hemm *cones* sa mill-jum ta’ qabel li, meta nizel mill-vettura tieghu, ra li kienu tnehhew. Hu kien inehhi l-*cones* meta jzarma. Qabel ma nizzel il-gagga hares u ma ra xejn u nduna bl-incident mill-hoss. Kien ilu fuq dix-xorta ta’ xoghol sa mis-sena 2000.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Jirrizulta li dan ix-xoghol sar bil-permess mehtieg tal-Kunsill Lokali u l-permess kien mit-18 ta’ Awwissu 2008 sat-23 ta’ l-istess xahar. L-incident sehh fit-tieni jum tax-xoghol.

2. Jirrizulta li fil-post fejn sehh l-incident, fi kliem Jeffrey Cardona stess u fi kliem Albert Grech ta’ “Street Life” (fejn kien dahal “ghal ftit minuti” dan Cardona), ma setax isir “parking”. Barra dan, fuq il-bankina kien hem sinali biex ma jghaddux in-nies u l-konvenut ha wkoll il-prekawzjoni tal-uzu tal-“cones”.

3. Fil-Malti insibu li “min jittarraf jiggarraf” u “min jikriha joqghod ghaliha”. Hawn insibu tifsira, fi kliem semplici u popolari tal-princij u legali li VOLENTI NON FIT INJURIA. Fil-kaz taht ezami, Jeffrey Cardona espona ruhu, konsapevolment, ghall-periklu. Forsi kien influwenzat mill-hsieb li hu ried jieqaf ghal ftit minuti biss, izda din il-“harba” jew “zgiccatura” ma rnexxietx.

4. Meta wiehed ihares lejn l-iskizz jara li n-Nissan ma kienetx parkjata ‘l hinn mill-“outreach” tad-driegh tat-“tower ladder” meta dan ikun miftuh, jew estiz. Dan jirrizulta bla l-icken dubbju anke meta wiehed ihares lejn in-notamenti originali tal-Warden fuq wara ta’ *fol* 106.

5. Da parti tal-konvenut, wiehed jifhmu meta jghid "ma ndunajtx li hemm karozza parkjata u lqattha bit-"tower ladder" u dana ghax in-Nissan kienet ghadha kif waqfet hemm.

6. Meqjus dak kollu mfisser hawn fuq u, gwidat minn principji ta' ekwita' kif statutorjament hu obbligat jaghmel, it-TRIBUNAL jiddeciedi li ghal dak li gralu, Jeffrey Cardona "imputet se ipse". Da parti tal-konvenut ma kien hemm ebda htija ghax hu kien jaf li kien fuq sit ta' xoghol li fih innifsu kien juri x'qed isir. Sata kien differenti dan ir-ragunament kieku n-Nissan kien parkjata hazin u fejn mhux suppost, ghal hafna hin, imma ma kienx il-kaz.

**IV DECIZJONI**

It-TIBUNAL **jiddeciedi** billi (i) jilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Osea Micallef u konsegwentement (ii) jichad it-talba attrici u (iii) jikkundanna lis-Socjeta' Attrici thallas l-ispejjes gudizzjarji kollha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------